# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 43**

**Avviz numru 1047/98/SM**

**Francesco Said**

**vs**

**Louis Debono**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz datat t-18 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Jizgombra mill-fond 127, Marsa Road, Marsa stante li ghamel xoghol ta' struttura u biddel id-destinazzjoni tieghu stante li fetah bieb u rraggunga l-fond imsemmi ma' proprjeta' tieghu;**

2. **Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni;**

**Illi ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju huwa ta' tletin lira Maltin (LM30);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Fl-ewwel lok il-ftuh tal-bieb in kwistjoni sar bil-kunsens u bl-approvazzjoni tas-sid l-attur;**

2. **Fit-tieni lok u f'kwalunkwe kaz, il-ftuh ta' l-istess bieb biex ma jaghtix lok ghax-xoljiment tal-kirja u l-izgumbrament tal-esponenti mill-fond;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-fond 127, Marsa Road, Marsa, gie mikri mill-attur lill-missier il-konvenut;**

2. **Illi jirrizulta li fil-fond de quo infethet apertura li ippermettiet lill-persuna li kriet il-fond de quo fuq indikat biex jaccedi ghall-fond adjacenti, u dan minghajr il-kunsens tas-sid indikat;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi hu pacifiku li l-istitut in dizamina hu dak ta' kera u l-allegazzjoni tal-attur hi li konsegwenza ta' l-apertura in dizamina l-kerrej biddel id-destinazzjoni tal-fond minnhu mikri;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din l-allegazzjoni ma tirrizultax pruvata stante li l-kerrej ghadhu juza l-fond minnhu mikri ghar-raguni originali li kien krieh, cioe' dik ta' residenza u d-doveri lilhu spettanti f'dan ir-rigward ma jirrizultawx li jistghu jinfluwixxu l-mertu tal-procedura odjerna;**

**Ghaldaqstant, stante li t-talba kontenuta fil-avviz odjern mhix pruvata, tichad it-talba, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**